**Kunsill Lokali l-Imsida**

**Laqgħa Annwali tal-Lokalita.**

**Il Hamis 28 ta'Frar 2019**

**Rapport Annwali Amministrattiv**

**Jannar – Diċembru 2018**

**Werrej**


1.0 Introdużjoni

2.0 Il-Kunsill

2.1 Kunsilliera u karigi

2.2 L-Aministrazzjoni tal-Kunsill

2.2.1 Ħaddiema ssekondati mal- Kunsill

2.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill

2.4 Kumitat Amministrattiv Swatar

3.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

3.1 Talbiet mir- residenti

3.2 Kuntatt

3.3 Xogħol ta' kuljum

3.4 Xogħol ieħor ta' Manutenzjoni, tisbieħ u proġetti.

3.5 Edukazzjoni u kultura

3.6 Jum l-Imsida

3.7 Għaqdiet

3.8 Uffiċċju Aministrattiv

3.9 Inizjattivi ohra.

4.0 Konklużjoni

## 1.0 Introdużjoni

Is-sena 2018 kienet mimlija b' diversi xogħolijiet u inizjattivi b' risq il- komunità, ġewwa l-Imsida u s- Swatar taħt l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida.

Dejjem bl-għajnuna tas-Sindku , il-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill saru sforżi akbar biex ġew mtejjba numru ta'servizzi.

Bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali tal-Imsida kellhu matul 2018, xorta għamel passi kbar il-quddiem u qed jirsisti aktar sabiex jara li l-Imsida u r-residenti jkunu qed igawdu aktar minn titjieb, manutenzjoni neċessarja madwar it-toroq u attivitajiet oħra.

L-għan tal estimi finanzjarji għas- sena 2018 kien biex il-Kunsill jżomm pożizzjoni finanzjarja stabbli ħalli jkun jista' jaqdi aħjar il- funzjoni tiegħu. Għalhekk kien ta' sodisfazzjon, li l-Kunsill Lokali bħas sena 2017 reġa' għalaq is-sena bil- bilanċ pożittiv. Li ser jippermetti biex titkompla il- ħidma, biex il-lokal ta' L-Imsida ikun aħjar.

Table 2: Local Councils registering a Positive Working Capital[5] over the preceding year

| Local Council | 31 December 2017 | 31 December 2016 | 31 December 2015 |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Birżebbuġa | 68,504 | (111,372) | (233,163) |
| Dingli | 43,553 | (53,557) | (225,641) |
| Mosta* | 88,716 | (286,970) | (482,503) |
| Mqabba | 52,149 | (47,785) | (112,304) |
| Msida | 93,990 | (55,282) | (83,051) |
| Siġġiewi | 82,622 | (87,899) | 9,330[6] |
| Żebbuġ (Gozo) | 35,009 | (1,429) | 11,454 |
| Żebbuġ (Malta) | 42,737 | (411,129) | (551,568) |

*In view that a Disclaimer of Opinion was issued, no audit adjustments were proposed by LGA.

Rapport tal-Awditur Generali 2018

L-allokazzjoni għas- sena 2018 kienet €593,666.12 li flimkien ma' estimi oħra ta' dħul wasslu, biex kien hemm żieda sostanzjali fin- nefqa operattiva u amministrativa. Ħalli jingħataw dawk servizzi mitluba mil- funzjoni tal-Kunsill Lokali għas-snin li ġejjien. Filwaqt li saru bosta arranġamenti ohra, biex il-Kunsill jipprovdi servizzi oħrajn bħal distribuzzjoni ta' Bins għall skart organiku. Ta' min isemmi li l-Kunsill Lokali wassal il-proposti tiegħu u pparteċipa fil- laqgħat għall tibdil aħjar, meta ssir ir-riforma fil-liġi tal- Kunsilli Lokali. Li se twassal għall funzjonijiet u responsabilita', aktar aġġornata mal- bżonnijiet tal- llum.

Waħda mill-akbar sfidi hija l-permessi għall żvillupp ta' bini li dejjem qed jikber, u l- problemi li dan iġġib miegħu meta l-Kunsill ikun qed jipproċessa, permessi għall makkinarju u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mall- kostruzzjoni. Problemi oħra li ġejjin

minn dan l-żvillupp huwa in-nuqqas ta' dixxiplina, min xi wħud mill- kuntratturi jew l-impjegati tagħhom meta jonqsu li jirrispettaw ir-regolamenti tal-bini. Dan qed iwassal biex ir-residenti jbgħatu bla bżonn, u l-Kunsill qed jagħmel min kollox biex jitlob lill Awtoritajiet ikkonċernati jagħmlu dak l-infurżar meħtieg biex dawn l-abbużi jonqsu.




Applikazzjoni għall żvilupp | Infurzar | Regolamentazzjoni

Indikazjoni ta'applikazjonijiet ghall zvillup ġewwa l-Imsida

Dan l- iżvilupp qed iwassal, għall aktar bejgħ jew kiri ta' propjetà' li wkoll twassal għall numru akbar ta' residenti lokali u oħrajn barranin li għall diversi raġunijiet jiġu jgħixu ġo l-Imsida, fejn anke dawn jibdew igawdu mis-servizzi offruti mill- Kunsill Lokal. Dan qed issarraf wkoll għall domanda akbar fi' ġbir ta' l-skart. Bħal kull sena b' dispjaċir ngħid li l-Kunsill Lokali tal-Imsida, għadu qed jiffaċċja n- nuqqas ta' kooperazzjoni minn fost xi residenti li ma josservawx il-ħinijiet li suppost joħroġu l-iskart, u numru ta abbużi oħra. Dan dejjem qed iwassal biex boroż tal-iskart u materjal ieħor, qed jibqgħu barra fit-toroq għal ħinijiet

twal, li ma jagħmel xejn tajjeb kemm għal iġjene kif ukoll għad-dehra ta' din il-Lokalita' li jixirqilha ferm aħjar. Il- Kunsill qed jagħmel kull sforz biex din is-sitwazzjoni, tirranġa.

- Saret Kampanja Edukattiva permezz ta' korrispondenza , Medja ,Gazzetti u tqassim ta' fuljetti informattivi f'Id- djar dwar il-ġbir organiku u saret skeda ġdida. Kien hemm progress iżda dan għadu, ma laħaqx il-mira tal-Kunsill.
- Installazzjoni ta' kameras għall infurzar ma jistgħux issiru, u l-funzjoni tal-Kunsill Lokali ma tagħtix dik l-awtorità biex dawn issiru.
- Qed ssiru sforzi u spejjeż oħra addizzjonali biex jintbagħatu, uffiċċjali għall infurzar fuq ronda fejn qed ikun hemm rapporti ta' abbużi. Minkejja li saru bosta ċitazzjonijiet għad hemm aktar lok fejn ssir progress. Il- problema prinċipali hija li l-abbużi ssiru ġo ħafna postijiet u f' ħinijiet, differenti filwaqt li numru ta'uffiċjali u siegħat li jistgħu jagħmlu ma hux biżżejjed. Tajjeb li wieħed jagħmel enfasi li l-Kunsill ma jdaħħal xejn, minn dawn iċ-ċitazzjonijiet.

Minħabba il-volum ta' xogħol li dejjem qed jiżdied inħasset il-ħtieġa biex in-numru ta' impjegati amministrattivi jiżdied, minn 4 għall 5. Saret it-talba biex il- Ministeru japprova il-ħames impjegat  biex flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, dawn l-impjegati ikunu jistgħu ilaħħqu mat-talba dejjem tikber tas- servizzi offruti u xogħol ieħor amministrattiv.

Bil- għan li titjieb l-effiċjenza, qed jittieħdu passi biex ikun hemm aktar superviżjoni lokali fuq dak li qed jiġri fil- Lokalita' dawn għandhom ikunu qed jivverifikaw u jieħdu azzjoni meħtieġa fejn jidħlu,

- Permessi jew abbuż mill l-żviluppaturi.
- Jgħinu lill- amministrazzjoni fil- verifika jew assistenza, għal- ilmenti tar-residenti.
- Jagħmlu dak kollu neċessarju, biex jiżguraw li dawk il-kuntratturi li huma imqabbda mill- Kunsill Lokali tal-Imsida biex jgħattu xi servizz jagħmluh kif xieraq u skond il-kuntratt.

Għall dan il-għan saret sejħa għall- Contracts Maniġer, u wara evalwazzjoni tal-offerti se jiġi ingaġġat biex jibda dan is-servizz matul 2019.

Matul is- sena ttieħdu diversi inizjattivi, fejn ġew ppjanata u sar xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni li se jingħata aktar dettall fuqhom fir-rapport.

Matul is-sena 2017 saru pjanijiet ta' tisbiħ li twettqu fis-sena 2018, f'din il-Lokalita' u għalhekk hemm dejjem bżonn ta' aktar fondi biex jitwettaq il-programm sħiħ ta'manutenzjoni meħtieġa fuq bankini u ħitan li għandu jsir mill- ħaddiema assenjati mal-Kunsill filwaqt li kompliet il-ħidma biex jinkisbu permessi u fondi għal numru ta'proġetti ġa ppjanata u liema dettalji se jissemmew aktar il-quddiem f'dan ir-rapport.

Matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali ħadem u kellu bosta laqgħat biex tingħata' il-preċedenza għall kostruzzjoni jew tiswija tat-toroq mill- Infrastructure Malta. Tajjeb li wieħed issemmi x-xogħol li ġa sar ġo Misraħ 5 ta'Ottubru ma' dawra tal-Monument u Triq San Andrija. Li bdew lejn l-aħħar tas-sena 2018, u tlestew f'Jannar 2019.



Il-Kunsill bi'pjaċir jinnota li beda ssir ix-xogħol ġo Triq Mons Innoċenz Zammit.



Filwaqt li ġew imħabbra fil-programm mifrux mal-lokalitajiet ta' l-ewwel ħames toroq mil- lista ta' kull lokalita' fejn go l-Imsida se jsiru Triq Giorgio Mitrovich,Triq it-Torri, Triq Santa Venera, Triq is-Snajja' u fi' żmien qasir filwaqt li go Triq Is-Sarg ġa beda ix-xogħol.



Matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali organizza ,ħa sehem u pparteċipa' f'bosta attivitajiet u nnizjattivi kemm soċjali ,kulturali u edukattivi ma' diversi għaqdiet ,NGO's u l-awtoritajiet għas- sigurta' fost ohrajn. Liema attivitajiet jingħata' dettalji aktar il-quddiem fir-rapport. Dan se jkompli jsir matul l-2019 fejn fost oħrajn hemm pjanijiet għall parteċipazzjoni, aktar miftuħa fejn tidħol l-Inklużjoni.

Matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali wera interess, applika u kiseb fondi biex ittejjeb is-servizz ta'tagħlim fil-komunità' li ser jintużaw matul is-sena 2019.

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv.

## 2.0 Il-Kunsill

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida huwa raħal ta' madwar 9615 votant (Dati meħuda minn fuq ir- Reġistru Elettorali ta' Ottubru 2018)

Popolazzjoni stmata għal lokalita' tal- Imsida sa'
L-1 ta' Jannar 2015 kienet ta' 9,413
L-1 ta' Jannar 2016 kienet ta'' 10,211 (Dati meħuda minn Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern 19,957 tas - 6 ta' Marzu 2018.)
Żieda ta' 798 f'perjodu ta' sena.
Popolazzjoni stmata għal lokalita tal - Imsida sa'
L-1 ta' Jannar 2018 kienet ta' 12,216 (Dati meħuda minn Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern 20,072 tad-19 ta' Ottubru 2018)
Żieda ta' 2005 f'perjodu ta' sentejn jew 1002 fis- sena.

Dan jagħti indikazzjoni kemm qed tikber b'rata mgħaġġla l- popolazzjoni u l-żvilupp li qed ssir li se jkompli jwassal għall aktar tkabbir fil-popolazzjoni.

Il-Kunsill elett matul din il-leġislatura huwa magħmul minn disa' Kunsillieri eletti fejn beda jopera b'effett mill-1 ta' April, 2013. Din il-leġislatura hija pjanata li jkollha terminu ta' sitt snin, jiġifieri sa Mejju 2019, bħala parti minn proċess li se jġib it-terminu ta' leġislatura, dak ta' ħames snin għal kull Kunsill Lokali.

## 2.1 Kunsilliera u Karigi

Il-Kunsill Lokali huwa magħmul mis-Sindku u tmien Kunsilliera. Kull wieħed għandu r-responsabbiltà' ta' kumitat u/jew sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet mogħtija lilu bil-Kap 363 ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv li għandu ħames uffiċċjali jassistuh minbarra numru ieħor ta' esperti bħal perit, quantity surveyor u avukat fost l-oħrajn. Il-funzjoni tal-kumitati u s-sotto kumitati huma li jipproponu u jassistu lill-Kunsill fil-pjanijiet tiegħu sabiex iwettaq ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala l-Gvern Lokali tal-Imsida.

**Il-karigi tal-Kunsillieri u l-impjegati tal-Kunsill huma s-segwenti:**

1. Sindku Margaret Baldacchino Cefai: Customer Care, Rappreżentanza tal-Kunsill fuq il-Kumitat tar-Reġjun, Edukazzjoni u Kultura, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd.
2. Viċi-Sindku Dr. Alex Sciberras: Finanzi u Fondi tal-UE, sostitut tas-Sindku fuq il-Kumitat tar-Reġjun.
3. Kunsillier Lino Bartolo: Anzjani u nies bi' bżonnijiet speċjali, Ġonna Publiċi.
4. Kunsillier Emmanuel Brincat: Infrastruttura (MEPA), Traffic Management.
5. Kunsillier Charles Selvaggi: Infrastruttura (MEPA), Traffic Management, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd.
6. Kunsillier Maurice Agius: Indafa Pubblika, u Anzjani.
7. Kunsillier Alan Abela-Wadge: Żgħażagħ, u Sport
8. Kunsillier Romina Galea: Żgħażagħ, u Sport
9. Kunsillier Matthew Agius: Fondi ta' l-UE, Rappreżentanza fuq il-Kumitat tas-Sajd.
10. Kumitat tal-Finanzi huma Margaret Baldacchino Cefai, Avv. Alex Sciberras, Lino Bartolo, Maurice Agius u Alan Abela Wadge.
11. Kumitat tal-Offerti Pubblici huma : Margaret Baldacchino Cefai, l-Avv Alex Sciberras, Lino Bartolo, Emmanuel Brincat u Matthew Agius. Ma dawn jista' jinħatru esperti oħra skond is-sejħa pubblika.

## 2.2 L- Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill matul 2018 kienet komposta kif ġej:

Alan Vella *: Segretarju Eżekuttiv*
Responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, kemm mill-lat amministrattiv, finanzjarju u dak legali.

Is-Sinjura Rachel Aquilina : *Assistent Prinċipal*
Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, u riżorsi umani.

Is-Sinjura Sonia Vassallo : *Assistent Prinċipal*
Responsabbli mis-sezzjoni tal-finanzi, permessi u ħlasijiet.

Is-Sinjorina Mirane Camilleri :*Assistant Principal*
Responsabbli mill-midja, Facebook, stimi u xiri.

Is-Sinjura Gemma Cassar : *skrivan*
Responsabbli għar-relazzjonijiet Pubbliċi, Servizzi u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju sa 26 ta'Lulju 2018

Is-Sinjura Naomi Baldachino : Skrivan
Responsabbli għar-relazzjonijiet Pubbliċi, Servizzi u xogħol ta' rutina fl-uffiċċju mil 10 ta'Settembru 2018

Is-Sur Edward Charles Muscat : Skrivan
Responsabbli minn depożiti, u assistenza fuq permessi u ħlasijiet sal 31ta'Dicembru 2018

### 2.2.[1] Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill:

**CWEF**
Is-Sur Jesmond Schembri Team Supervisor
Is-Sur Joseph Baldacchino
Is-Sur George Grima sa 7 ta'Mejju 2018
Is-Sur Ricky Scerri
Is-Sur Alfred Farrugia
Is-Sur Anthony Grech sal-15 ta'Lulju 2018
Is-Sur Benjamin Zarb beda fit-2 ta Lulju 2018
**IPSL**
Is-Sur Ray Vella

### 2.3 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill.

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2018 inżammu 19-il laqgħa min L7-66 sa L7-84 u l-attendenza kienet hekk kif hawn taħt murija.

Sindku Margaret Baldacchino Cefai 19 Preżenti

| | | | |
|---|---|---|---|
| Viċi-Sindku Dr. Alex Sciberras | 0 Preżenti- | 18 Skużat - | 1 Assenti |
| Kunsillier Emmanuel Brincat | 14 Preżenti- | 5 Skużat | |
| Kunsillier Lino Bartolo | 18 Preżenti- | 1 Skużat | |
| Kunsillier Charles Selvaggi | 17 Preżenti- | 2 Skużat | |
| Kunsillier Maurice Agius | 17 Preżenti- | 2 Skużat | |
| Kunsillier Alan Abela-Wadge | 7 Preżenti- | 11 Skużat - | 1 Assenti |
| Kunsillier Romina Galea | 18 Preżenti- | 1 Skużata | |
| Kunsillier Matthew Agius | 11 Preżenti- | 7 Skużat - | 1 Assenti |

Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella, ħa ħsieb il-laqgħat tal-Kunsill.

## 2.4 Kumitat Amministrattiv Swatar

Il-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar jaqaw taħt il-Kunsill Lokali ta-Imsida, u ta' Birkirkara rispettivament.

Dan il-Kumitat huwa magħmul minn ħames persuni u jieħdu ħsieb jamministraw ż-żona tas- Swatar. Il-Kunsill Lokali L-Imsida dejjem mexa id f'id ma' dan il-Kumitat, għall-ġid tar-residenti ta' din iż-żona.

Matul is-sena 2018 saru erbatax il-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv u l-attendenza kienet hekk kif hawn taħt murija. Is-Segretarju Eżekuttiv Michael Mifsud ħa ħsieb Il-laqgħat tal-Kumitat.

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Matthew Mangion | 14 preżenti - | |
| Is-Sur Owen Attard | 14 preżenti - | |
| Is-Sur Jimmy Attard | 10 preżenti - | 4 Skużat |
| Is-Sur Emmanuel Galea | 8 preżenti - | 6 Skużat |
| Is Sinjura Deborah Galea | 7 preżenti - | 7 Skuzata |

Is-Segretarju Eżekuttiv Michael Mifsud, ħa ħsieb il-laqgħat tal-Kumitat.

## 3.0 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2018 ġew ipproċessati 4,067 applikazzjoni ta' permessi dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' Makkinarju għall kostruzzjoni, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq.

## 3.1 Talbiet mir-residenti

Matul is-sena 2018, il-Kunsill irċieva 1,079 talba għall assistenza fejn 87% ġew proċessati u magħluqa, filwaqt li 13 % kienu għadhom qed jiġu proċessati sal-aħħar tas-sena 2018. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra it-talbiet li jaslulu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli, fil-konfront tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll fuq it-talbiet, li jkunu għadhom pendenti.

Il-parti l-kbira mit- talbiet ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd. (IPSL) u dawk taħt l-iskema ta' xogħol fil-komunità (CWEF). Din it- tabella turi dawn il-figuri msemmija, għas-sena 2018.

| *Ilmenti* | *Kunsill* | *Entitajiet Governattivi* | *Dawl fit-toroq* | *Total* | *Persentaġġ* |
|---|---|---|---|---|---|
| ***Magħluqa*** | *714* | *80* | *139* | *933* | *85.70%* |
| ***Pendenti*** | *126* | *20* | *0* | *146* | *14.30%* |
| ***Total*** | *840* | *100* | *139* | *1,079* | *100.00%* |

## 3.2 Kuntatt

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat, ma' entitajiet u dipartiment diversi fejn ġew diskussi suġġetti varji relatati mal-Imsida. Fosthom kien hemm laqgħat ma;

<u>Transport Malta:</u>
Fuq problemi ta'traffic management, Infurzar u l-problema tal-parkeġġ limitat bil- ħin ġo Triq D'Argens. Din waslet biex il-Kunsilliera kollha jieħdu pożizzjoni unanima biex iħarsu, l-interess tar-residenti fejn b' rieda tajba ,sens komun u determinazzjoni instabet is-soluzzjoni biex dan il-parkeġġ jibqa' isservi matul il-ġurnata kollha.

<u>Infrustructure Malta :</u>
Dwar xogħol ta'rikostruzzjoni ta' toroq residenzjali , arterjali u kulverts li hemm bżonn issiru.

<u>Water Services Corporation:</u>
Dwar il-problemi ta'drenaġġ.

<u>Puliżija:</u>
Dwar aktar kooperazzjoni ,Infurzar u sigurtà fit-toroq tal-Imsida.

<u>LESA:</u>
Dwar aktar presenza ta'uffiċjali korrettivi, infurzar fuq abbużi mil- kostruzzjoni , skart u parkeġġ illegali.

<u>Dipartiment ghat-tindif:</u>
Ghall aktar għajnuna fit-tindif ta'żoni bħal Junior College u Xatt ta'Xbiex, Infurzar fuq abbużi ta'skart u għajnuna biex jiżdiedu jew jinbidlu numru ta'bins.

Enemalta:
Dwar rappurtaġġ aħjar u intervent fuq ħsara aktar effetiv , biex jiżdiedu numru ta'arbli ta'dawl fit-toroq ,

Green Pak:
Dwar Kooperazzjoni aħjar biex jinġabar skart riċiklat.
Wasteserv:
Dwar l-introduzzjoni għall ġbir organiku u kif l-entita' u l-Kunsill jistgħu jaħdmu aħjar.

Id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali:
Dwar amministrazzjoni, u proċeduri.

Kunsill u amministrazzjoni tal-Junior Collage:
Dwar kontroll ta'traffiku, Permessi meta jkun hemm Elezzjonijiet ,Imġieba minn studenti barra il-kulleġġ u fejn jista' jkun hemm kooperazzjoni bejn studenti u l- Kunsill.

MEPA:
Dwar Infurzar, applikazzjonijiet u fondi għall proġetti tal Kunsill.

Kuntratturi u Żviluppaturi:
Dwar xogħlijiet ,abbużi u sigurtà ġot- toroq.

Il-Knisja:
Dwar il festa u kif tista' ssir aktar kollaborazzjoni

Għaqdiet:
Għall aktar parteċipazzjoni attiva u kollaborazzjoni fl-attivitajiet tal-Kunsill.

Valletta 18:
Għall aktar parteċipazzjoni u biex jiġu numru ta' attivitajiet ġo l-Imsida.

Assoċjazzjoni Kunsill Lokali:
Dwar amministrazzjoni, Ftehim laterali , Inizjattivi , proċeduri. Laqgħat Plenarji.

### 3.3 Xogħol ta' kuljum

- Matul s-sena jsir ħafna xogħol li hemm ħafna minnu ma jidhirx bħal xogħol li jsir mill-uffiċċju fosthom ħlasijiet ta' kirjiet, rapporti lill- entitajiet li l-Kunsill mhux responsabbli għalihom, koordinament ta' xogħolijiet, tweġibiet ta' ħafna mistoqsijiet Parlamentari u mid- dipartiment fejn dawn jieħdu ħafna ħin. tqassim ta' boroż u bins għall skart organiku.

- Ta' kuljum issir knis u tindif fit-toroq, Dan jammonta għal €40,858.16 għall-Imsida u €6,433.14 għas-Swatar. Jiġifieri total infieq għas-sena 2018 kien ta' €47,291.3.

- Ġbir ta' skart imħallat (borża sewda) jew kif beda mill-31 ta' Ottubru ġbir ta'skart organiku (borża bajda) li ssir skond l-Skeda. Dan jammonta għal €85,885.62 għall-Imsida u €15,034.78 għas-Swatar. Jiġifieri total infieq għas-sena 2018 kien ta' €100,920.40.

- Tindif tal- ġonna, u taħwil ta' pjanti u arbuxelli, jammonta għal €18,228.03.





- Matul is-sena 2018, intlaqgħu 2894 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien, tad-djar Residenzjali;

L-Imsida 2,473 talba għall 4,513 oġġett.

Is-Swatar 421 talba għal 788 oġġett.

Dan huwa servizz li jingħata 2 darbiet fil- ġimgħa, li jammonta għal € 18,719.1 fl-Imsida u € 2,759.75 għas-Swatar. Jiġifieri total infieq għas-sena 2018 kien ta' €21,478.85.

- Matul is-sena 2018 Intlaqgħu 1197 talba għall affarijiet ġbir ta oġġetti tal-elettriku jew batteriji – **WEEE**. Minn wara l-bibien tad-djar, residenzjali.

L-Imsida 993 talba għall 1,240 oġġett
Is-Swatar 204 talba għall 283 oġġett
Dan huwa servizz li jingħata darba fil- ġimgħa, u jaqa' taħt l-skema tal-Greenpak.

- L-ewwel ġimgħa tax-xahar, jsir ġbir ta' ħġieġ.
- Issir depożitu ta' ħwejjeġ użati go Kontenitur ħdejn il-Kunsill u żdiedet kaxxa oħra fis-Swatar.
- Matul is-sena 2019 ġie n-ntrodott servizz ġdid għall ġbir ta' ħwejjeġ użati minn wara l-bibien tad-djar Residenzjali kull tielet Erbgħa ta'xagħar.
- Ġbir ta' skart għall- riċiklaġġ ( borża ħadra) ssir skond l-Skeda. Dan huwa servizz li jingħata darba fil- ġimgħa, u jaqa' taħt l-skema tal-Greenpak.
- Issir ukoll tiswijiet u bdil ta' bozoz fejn ikun hemm bżonn, Għall-Imsida l-infieq jammonta għall- €16,635.75 u għas-Swatar €1,017.1. Jiġifieri total infieq għas-sena 2018 kien ta' €17,625.85

### 3.4 Xogħol ieħor ta' Manutenzjoni , Tisbiħ u Proġetti

Matul is-sena sar xogħol ieħor fit-toroq madwar l-Imsida u Is-Swatar, li jkunu pjanat jew minn talbiet mir-residenti kif indikat fi' 3.1. Fost dawn jinkludu xogħolijiet ta'refreshing tas-sinjali tat-toroq li jsir skond skeda ta' xogħol li tul is-sena tkopri l- Msida kollha, xogħol ta' patching u twaħħil ta' tabelli.

**Fondi Regjun**

Dawn il-Fondi jiġu mogħdija lill kunsill Lokali min dħul li sar min ċitazzjonijiet li tħallsu li kienu jaqgħu taħt l-skema antika.

- Fl-ahhar tal 2017 tneħħa l- Football Pitch fis-Swatar u fl- 2018 nbiddel il- fencing , saret installazzjoni ta' Open air Gym equipment ,nbiddel it-tapit tal- Bandli u xogħol ieħor fil- bandli, dawl u ħitan.



- F' Novembru 2018 beda ix-xogħol tal- Belvedere ġo Triq Indri Grima is-Swatar li tlesta f'Jannar 2019 mil- fondi tar-Reġjun.



## Xogħol ta'manutenzjoni ġenerali ġo l-Imsida u s-Swatar fosthom.

- Tindif tal-Kulverts.



- Manutenzjoni u żebgħa mad dawra tal-Junior College fit-Toroq John Borġ u Oscar Zammit



- Manutenzjoni u żebgħa ma' dawra ta' Ċirku tal-Imsida



- Manutenzjoni u żebgħa ma' dawra tal-Għajn tal-Ħasselin u Triq il-Kunċizzjoni.



- Manutenzjoni u żebgħa u tisbiħ ma' dawra ta' Swatar



- Manutenzjoni , żebgħa, tisbiħ u xogħol ieħor ma' bosta toroq tal-Imsida.




- Manutenzjoni , żebgħa, tisbiħ u xogħol ieħor go daħla mitluqa go Triq Prinċipessa Margaret.



## Planning Development Fund.

Dawn huma fondi li jinġabru mill PA bħala penali għall nuqqasijiet f'proġetti ta'żvilupp. eżempju nuqqas għall parkeġġ provdut għall ammont ta'residenti li jistgħu ikunu qed jgħixu go binja żviluppata. Dawn il-fondi jiġu allokati go fond apposta skond il-lokal fejn ikun qed ssir l-żvilupp u il-Kunsill Lokali jista' jibbenefika biex joħloq proġetti biex igawdu ir-residenti.

Matul is-Sena 2018, Il-Planning Development Fund approvat fondi biex il- Kunsill Lokali ikun jista' jagħmel aktar xogħol fosthom.

- Fl- 2018 beda u tlesta' ix-xogħol ta' traffic management ħdejn il-Junior College. Dan sar flimkien ma' xogħol ieħor ta'manutenzjoni imsemmi fi' Triq John Borġ u Oscar Zammit.




➢ Minħabba xogħolijiet oħra żewġt bankini ma setgħux jibdew matul is-sena 2018 iżda bdew issiru fil- bidu tas-sena 2019.

- Xogħol fuq il -bankini ġo parti minn Triq it-Tabib Robert Naudi, u parti minn Triq il-Baċir.



**<u>Applikazzjonijiet ġodda għall Planning Development Fund.</u>**

Hemm pjanijiet avvanzati biex jiġu approvati il-permessi, u jinkisbu il-fondi mill- PA għall tlett proġetti.

Rikostruzzjoni tal-promenade, ġo Xatt ta'Xbiex.

Bini mill ġdid tal-Latrina ġo Misraħ 5 ta'Ottubru.
Xogħolijiet ta'tisbieh fil-Ġnien ta'Misraħ San-Ġużepp.











## Affarijiet oħra

Matul is-sena 2018 bħal kull sena, sar it-tiżjin tal-Milied.





**Servizzi oħra.**

- Fil Kunsill Lokali hemm servizz ta' Berġa, kull nhar ta' Tnejn, u l-Erbgħa.
- Is-Servizz tal- Librerija li qed issir popolari minn sena għall-oħra, u matul s-sena 2018 il-Kunsill applika u ħa fondi biex ikopri parti mill- ispiża għall installazzjoni ta'AC unit.



- Ċentru ta' l-Anzjani ikun miftuħ, kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa.
- Tindif tal- Latrina Pubblika.
- l-Kunsill ħa ħsieb ukoll li jipprovdi s-servizz li jagħti l-vaċċin tal-influwenza. Dan is-servizz ingħata lill- 307 residenti anzjan.

## 3.5 Edukazzjoni u Kultura

- Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' ħarġiet li saru matul is-sena 2018 bi' skop kulturali, rikreattiv jew edukattiv, hekk kif deskritt fil-lista segwenti:

1. Ħarġa għall-Binġemma, u ikla fniek l-Imġarr.
2. Ħarġa għall-Rahal Ġdid, żjara Binġemma u, ikla fniek l-Imġarr.
3. Ħarġa Kulturali l-Qrendi.
4. Ħarġa Wied il-Għajn.
5. Ħarġa bil- Hop on Hop off.
6. Tintbagħat Kartolina ta'awguri f għeluq is-snin tal-anzjani, u ssir Quddiesa ma' festin ġoċ-Ċentru ta' l-Anzjani kull l-aħħar Ħamis tax-xahar.
7. B' parteċipazzjoni ma dar tal-anzjani saret stedina għall dawk l- anzjani weħidhom għall ikla ta'nofs nhar f' jum il-Milied.




- Korsijiet edukattivi li saru fis-sena 2018 kienu s-segwenti :

1. *Drama.*
2. *Read with me* għat-tfal.
3. *Lifelong learning*.
4. *Arts and Crafts* għat-tfal.
5. Għajnuna *Homework* b'kollaborazzjoni maċ-Ċentru Appoġġ tal-Imsida.
6. Korsijiet fl-informatika għat-tfal u għall kbar fosthom

- Learn IT
- EM Citizen
- Robotika
- Coding

- Matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali applika, u ser jirċievi fondi biex matul is-sena 2019 ikompli joffri aktar Korsijiet fl-informatika għat-tfal u għall kbar. Filwaqt li qed ikompli jaħdem maċ-Ċentru Appoġġ tal-Imsida biex ikun hemm inizjattivi ġodda għall edukazzjoni ta'tfal.










- Matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali għamel kollaborazzjoni ma'bosta għaqdiet sportivi , mużiċisti , il-Valletta 18 u bandisti biex ikun jista' iwassal attivitajiet sportivi u kulturali. Dawn waslu biex issir programm ta'attivitajiet matul is-sena biex ir-residenti ikunu jistghu jibbenifikaw minn wirjiet ta' talent u atmosfera ferrieħa. Fost dawn kien hemm;

  - Żfin tal-Karnival.
  - Kunċert mill-Orkestra tal- Junior College għal Ġimgha Mqaddsa fil-kapella tal-Kunċizzjoni.
  - Basket Ball challenge.
  - Sfida tradizzjonali tal-Ġostra.
  - Attività' sajf fil- pjazza mifruxa matul l-istaġun.

❖ Kunċert minn Bandisti fil- Milied.




➢ Il-Kunsill Lokali tal-Imsida jixtieq jirringrazzja lill- dawk il-voluntiera kollha li mingħajr il-ħidma tagħhom żgur ma jkunx possibbli, li l-attivitajiet jew inizjattivi oħra bħal tindif fil-lokalita' issiru.




➢ Matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali tal-Imsida laqgħa taħditiet u Inizjattivi oħra dwar is-Saħħa fost oħrajn kien hemm il-varar uffiċjali, ta' inizjattiva ta'screening għas-smiegħ għall kull età fejn attendiet l-Eċċellenza tagħha il-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro, li kienet wkoll l-ewwel persuna li bbenefikat min dan it-test. L-Imsida kienet l-ewwel lokalita' li bbenifikat minn dan is-servizz b' xejn.

- Saru wkoll bosta taħditiet, oħra għar-residenti u anzjani fosthom il-Pharmacy of your choice.









- Fl-aħħar tas-sena l-Kunsill ippubblika **Kalendarju 2019** b' messaġġi li ntużaw fi' proġett Edukattiv mill- Kunsill Lokali Zghazagh (KLZ) Msidjani, li wara tqassam bieb.










### 3.6 Jum L-Imsida

Matul Ġimgħa Msida, ġew organizzati diversi attivitajiet kif muri hawn taħt:

1. Ħarġa għall-Anzjani.
2. Marċi mill- banda u purċissjoni ta' tfal b'San Ġużepp sa'dar tal-anzjani.
3. Ħarġa, bil Hop on Hop off.
4. Ittellgħet Serata Ġieħ L-Imsida, fejn jingħata, Mertu Msida skond il-bord maħtur lill l-aħjar kandidat propost minn dawk li jkunu eliġibbli. Għall din l-okkażjoni attenda l-Eċċellenza tiegħu l-Arċisqof ta'Malta Charles. J .Scicluna.







## 3.7 Għaqdiet

L-Għaqdiet Misidjani jagħmlu bosta attivitajiet matul is-sena, u l-Kunsill qatt ma naqas li jagħti l-kollaborazzjoni sħiħa tiegħu sa' fejn dan hu permess. Il-Kunsill qed dejjem jaħdem biex ikun jista' itejjeb is-servizz tiegħu lill-għaqdiet kollha.

## 3.8 Uffiċju Amministrattiv.

Ix-xogħol ġo l-uffiċċju amministrattiv żdied u kien qed jara ħafna nies biex jiġu u jinqdew b'servizzi offruti. Inħasset il-ħtieġa li ssir lr-reception desk ġdid attrezzat u magħluq biex joffri sigurtà lill-Impjegati.

Saret Sistema ġdida ta'telefon biex tippermetti lill- dak li jkun jaqbad in-numru dirett, ta'servizz li għandu bżonn.

Il-Kunsill jipproċessa kwantità ta'informazzjoni u jagħti servizzi, min fuq data base. Is-server li kien hemm ma kienx għadu tajjeb biex jaqdi dawn is-sistemi b'mod effiċjenti. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li dan jinbidel ma server aktar b'saħħtu, u kapaċi jaqdi is-sistemi ta'servizzi b'mod effiċjenti.

Is-sistema tal-accounts kellha tinbidel biex tiġi konformi ma sistema addottata mill Kunsilli oħra u li tippermetti li ssir rappurtaġġ skond il-linji gwida ta' d-dipartiment.

## 3.9 Inizjattivi ohra.

Matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali ipparteċipa f'taħditiet jew kien firmatarju ta'inizjattivi li kienu mressqa mill Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fosthom ma għaqdiet u Entitajiet għall numru.

- Ftehim mal-Malta Clean Up ghall inizjattiva **Never let ballons go**. Sabiex kunsill Lokali ikollu dan il-rwol attiv u jiskoraġġixxi l-uzu ta'bżieżaq u konfetti tal-plastik li jintużaw waqt attività fil-lokalita.

- Ftehim mal- **Community Work Scheme Enterprise Foundation** biex ikun hemm uniformità'fis-sistema u anki nissalvagwardjaw l-interessi tal-Kunsill filwaqt li nharsu l-interessi tal-ħaddiema kkonċernati.

- F'għeluq il 25 anniversarju min meta inholqu il-Kunsilli Lokali saret attività Tree 4U mill Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn thawlet siġra min kull Sindku jew rappreżentant f'isem il kull Kunsill Lokali, Regjun u l-ANSEK ġol Family Park f'Wied il-Għajn.

- L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali ffirmat ftehim fil-prinċipju maċ-Ċentru Nazzjonali għat-Trasfużjoni tad-Demm biex il-lokalitajiet jorganizzaw attivitajiet li jħajru r-residenti jagħtu d-demm.
  S'issa madwar erbgħin kunsill lokali kkommettew ruħhom biex jippartecipaw f'din l-inizjattiva fosthom il-Kunsill Lokali tal-Imsida.







## 4.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati, lill-ħaddiema u il-volontarji tal-Kunsill, tal-ħidma u l-kollaborazzjoni tagħhom. Għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat mis-Sindku u l-Kunsilliera, seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

| | |
|---|---|
| Margareth Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |